MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 101/2005

**L-avukat Albert Grech bhala mandatarju tas-socjeta' estera Ekro B.V. ta' Laan van Malkenschoten 100,7333 NP Apeldoorn, Holland**

**vs**

**Aquatess Limited (C13358)**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ippremettiet:

Is-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta ta' l-ekwivalenti f'liri Maltin tas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, u sittax Euro u sitta u sittin Euro cent (Euro 21016.66) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lil

dik konvenuta kif jidher mil-annessi Dokumenti markati*"A", "B"* u *"C"* rispettivament.

Minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza *a tenur* tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u *cioe'* bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ekwivalenti f'liri Maltin tas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, u sittax Euro u sitta u sittin Euro cent (Euro 21016.66) dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mill-11 ta' Frar, 2004 kontra s-socjeta' konvenuta ingiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------